

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12723/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0555 (COD)**

COMPET 854	POLGEN 140
IND 342	ECOFIN 1154
MI 639	COH 171
CADREFIN 186	INDEF 89
FIN 1060	CULT 96
RECH 381	CYBER 240
ESPACE 59	JAI 1231
CONSOM 170	DIGIT 169
DUAL USE 42	DATAPROTECT 206
EDUC 353	FREMP 228
TELECOM 294	RELEX 1147
ENER 437	COPS 439
ENV 824	UD 199
CLIMA 329	AUDIO 79
AGRI 414	PROCIV 115
TRANS 376	IPCR 63
SAN 551	MAP 55
PHARM 121	FISC 236
BIOTECH 11	CODEC 1242
POLMIL 257	CSC 446

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Tħejjija tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tad-29 ta' Settembru 2025 Fond għall-Kompetittività - <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar il-Fond tal-Kompetittività bil-għan li jitħejja dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fid-29 ta' Settembru 2025.

DOKUMENT TA' DISKUSSIONI**Laqgħa tal-Kunsill Kompetittività****Brussell, 29 ta' Settembru 2025****IL-FONDI GĦALL-KOMPETITTIVITÀ GĦAS-SERVIZZ TAN-NEGOZJI**

Rapporti reċenti minn Draghi u Letta, kif ukoll il-*Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni Ewropea*, issottolinjaw diskrepanza sinifikanti fl-investiment li trid tingħalaq jekk l-Ewropa trid tilħaq l-ambizzjonijiet tal-kompetittività tagħha, it-tranżizzjoni ekoloġika, is-sigurtà u r-reżiljenza. Dan in-nuqqas mhux biss jhedded il-kapaċità tal-UE li żżomm is-saħħa industrijali tagħha, iżda wkoll li tkun minn ta' quddiem fit-tranżizzjoni doppja u fit-tellieqa teknoloġika dinjija. Kemm *ir-rapporti ta' Draghi kif ukoll ta' Letta* juru li l-prosperità u l-influwenza ġeopolitika futuri tal-Ewropa jiddependu fuq it-tnaqqis ta' dan id-distakk permezz ta' investimenti mmirati u aktar lesti għar-riskju.

Il-kisba tal-għanijiet tal-politika ekoloġika u industrijali tal-Ewropa teħtieġ predispożizzjoni ħafna akbar għar-riskju kemm mill-atturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati. L-isfida tinsab fil-fatt li d-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda jinvolve inċertezzi sostanzjali u orizzonti twal ta' rkupru tal-kost, li taħt mudelli ta' finanzjament konvenzjonali u avversi għar-riskju ma jrenduomx attraenti. Kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, il-mekkaniżmi eżistenti mhumex qed jimmobilizzaw livelli suffiċjenti ta' kapital, speċjalment għal proġetti fuq skala kbira jew rivoluzzjonarji meħtieġa biex issaħħu t-tmexxija industrijali u s-sovranià tal-Ewropa. L-investituri privati, b'mod partikolari, bħalissa qed isibuha bi tqila biex jinvolve ruħhom fl-iskala meħtieġa jew jieħdu l-livell ta' riskju meħtieġ mingħajr appoġġ pubbliku.

Bi tweġiba u ispirata direttament mir-rapport ta' Draghi, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet il-ħolqien ta' *Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)*. Il-FEK huwa maħsub biex iservi bħala katalist biex tingħalaq id-diskrepanza fl-investiment, abbażi tas-sett sħiħ ta' għodod finanzjarji tal-UE biex jiġu mmobilizzati investimenti li jaqdu l-prijoritajiet strateġiċi u industrijali tal-Ewropa. Billi jikkonsolida firxa wiesgħa ta' fondi eżistenti u skemi ta' finanzjament taħt qafas regolatorju u ta' governanza koerenti wieħed, il-FEK għandu l-għan li jipprovdi appoġġ aktar effiċjenti u mmirat għal setturi u proġetti ewlenin biex jiżgura tmexxija teknoloġika u industrijali Ewropea.

Il-FEK ser juża l-istrumenti finanzjarji disponibbli kollha tal-UE – l-għotjiet, l-akkwist, is-self, il-garanziji, l-investimenti ta' ekwità, il-finanzjament imħallat, eċċ. Sabiex il-FEK ikun verament effettiv, irid jitqies bħala suċċess min-negozji u l-investituri – daww il-partijiet ikkonċernati li jeħtieġ li jużaw il-FEK b'mod attiv biex jintlaħqu l-oġettivi tiegħu. Il-kumpaniji jridu jkunu jistgħu jaċċessaw il-finanzjament faċilment u malajr, bi gwida ċara u b'ostakli amministrattivi minimi. Proċessi ta' applikazzjoni u għoti rapidi u prevedibbli u appoġġ imfassal apposta ser ikunu importanti ħafna, speċjalment għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu li qed ifittxu li jikbru f'atturi kompetittivi madwar id-dinja.

Sadanittant, l-investituri jrid ikollhom inċentivi pożittivi biex jipparteċipaw. Huma jridu jkunu kunfidenti li l-għodod finanzjarji u l-mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tar-riskju huma mfassla b'mod robust għall-istadji kollha tal-vjaġġ ta' investiment, mill-innovazzjoni fi stadju bikri sal-implimentazzjoni fuq skala industrijali. L-użu ta' strumenti finanzjarji li huma aktar xprunati mis-suq, bħal daww taħt l-*InvestEU* tal-FEK, jista' jingrana aktar kapital privat, jgħin biex jittaffew ir-riskji kummerċjali permezz ta' garanziji u koinvestimenti, u b'hekk jamlifika l-impatt ta' kull euro ta' flus pubbliċi u jappoġġa l-espansjoni ta' innovazzjonijiet u teknoloġiji rivoluzzjonarji. Fl-istess ħin, l-użu tal-għotjiet jista' jippermetti lill-Kummissjoni timmira l-appoġġ lejn azzjonijiet strateġiċi.

Il-fehim tar-realtajiet li jiffaċċaw in-negozji huwa kritiku. Il-FEK jista' verament jiftaħ il-kapital privat u jottimizza l-użu tar-riżorsi pubbliċi disponibbli biss meta jinvolvi ruħu b'mod attiv mal-kumpaniji u mal-investituri, u billi jsawwar l-offerti tal-FEK biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-ostakli tad-dinja reali. Is-simplifikazzjoni, it-trasparenza u l-flessibbiltà għandhom ikunu prinċipji ċentrali fil-governanza u l-operat tal-FEK.

Biex il-FEK jaħdem għan-negozji ser ikun hemm bżonn ta' impenn politiku qawwi biex jiġu ssimplifikati l-governanza u l-amministrazzjoni tiegħu. Is-suċċess jiddependi fuq li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-istrumenti mmexxija mill-istat, bħall-ġhotjiet u l-akkwist pubbliku, u għodod aktar xprunati mis-suq bħal self, garanziji, u investimenti ta' ekwità taħt InvestEU tal-FEK. B'dan l-approċċ, il-FEK jista' jsir pedament għat-twettiq tal-ambizzjonijiet industrijali u t-tmexxija teknoloġika tal-UE.

L-Istati Membri huma mistiedna jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet dwar żewġ kwistjonijiet ewlenin:

- X'ser ikunu l-kriterji ta' suċċess l-aktar importanti għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività f'għajnejn il-kumpaniji u l-investituri, speċjalment f'termini ta' simplifikazzjoni u pproċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet?
- Kif nistgħu nagħmlu l-istrumenti finanzjarji inklużi fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost l-aktar effettivi għall-mobilizzazzjoni tal-kapital privat għal proġetti li jwettqu l-oġettivi tal-politika industrijali tal-Ewropa?